MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 199/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**William Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra William Camilleri talli bejn ix-xhur ta’ Dicembru 2004 u ta’ Marzu 2005, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta’ Malta jew marbut b’kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-manteniment dovut lil Katja Camilleri Naudi, ghaliha u/jew ghall-ulied minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Gunju 2005 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi William Camilleri hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u ordnat il-hlas ta’ tliet mija w ghoxrin liri Maltin (Lm320) fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta’ l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi William Camilleri pprezentat fis-17 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija w piena u fin-nuqqas ta’ liberazzjoni, thassar l-ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, u cioe` li huwa ghandu jhallas is-somma ta tliet mija u ghoxrin liri Maltin (Lm320) ai termini ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma in sintesi s-segwenti: (1) fil-kaz odjern m’hemm l-ebda wiehed mill-elementi kostitutivi tar-reat kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali; (2) l-azzjoni hi estinta stante rikonciljazzjoni bejn l-appellant u martu; (3) fix-xhur ta’ Jannar u Frar 2005 l-appellant ha hsieb uliedu hu u ntlahaq ftehim quddiem il-medjatur Carmen Delicata li ma jhallasx il-manteniment ghax-xhur ta’ Marzu u April 2005; (4) ghax-xahar ta’ Dicembru 2004 huwa hallas il-manteniment izda martu ma tatux rcevuta; (5) l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 ma tippermettix ukoll l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9; (6) l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 mhux applikabbli ghar-reat in dizamina.

Kwantu ghall-**ewwel aggravju** l-appellant josserva li dak li mart l-appellant esebiet la huwa digriet u lanqas ordni tal-Qorti izda verbal redatt mill-partijiet quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) minghajr pregudizzju ghal kull pretensjoni li jista’ jkollhom fil-futur.

Hawn issir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Geranzio Bartolo et vs Angelo Caruana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru 1992 (Vol. LXXVI.iii.645):

**"Huwa risaput illi *'in judicis qua si contraditur'* u ghalhekk il-verbal mizmum mir-registratur b'ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha ta' kwazi kuntratt gudizzjarju (Appell 2 ta' Novembru 1925 – 'Cini vs Portelli'; 9 ta' Novembru 1936 – 'Ebejer vs Degabriele'; Appell 13 ta' Marzu 1953 – 'Debono vs Debono' (Vol. XXXV. P. i p. 99)):**

**'Il-verbal li jsir f'isem il-partijiet quddiem il-Qorti bhala transazzjoni tal-kontroversja ta' bejniethom, jikkostitwixxi att pubbliku u bhala tali huwa kuntratt …. Il-verbal jikkostitwixxi transazzjoni validament maghmul b'att pubbliku, bhal ma huwa verbal tal-Qorti, peress li f'verbal simili r-Registratur huwa appuntu ufficjal pubbliku, debitament awtorizzat jattribwixxi fidi pubblika lil san l-att' (Artikolu 940 tal-Kodici Civili) (Vol. XXX, P. I, p. 959)"**.

Ghalhekk il-ftehim milhuq bejn l-appellant u martu fit-30 ta' Settembru 2004 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u li tieghu gie redatt l-appozitu verbal ghandu jitqies bhala kuntratt ghall-finijiet u effetti ta' l-artikolu 338(zz) tal-Kodici Kriminali. F'dak il-ftehim qablu li l-appellant kellu jissomministra lil martu s-somma ta' Lm80 fix-xahar bhala manteniment ghat-tfal biss. Il-fatt li ntqal li dan il-ftehim kien qieghed isir "b'ebda pregudizzju ghal kull pretensjoni li jista' jkollhom fil-futur" ma jfissirx li l-appellant seta' unilateralment jonqos mill-obbligazzjoni li huwa assuma permezz ta' dak il-ftehim.

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Dwar **it-tieni aggravju** l-appellant isostni li l-azzjoni odjerna hija estinta peress illi mix-xiehda li tat mart l-appellant irrizulta li fil-weekends hija kienet qed tmur torqod fid-dar matrimonjali u b'hekk jghixu bhala familja.

Mill-provi pero` jirrizulta li jekk kien hemm perijodu ta' rikonciljazzjoni dan kien ghal perijodu qasir u f'perijodu mhux kopert minn dak indikat fl-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

**It-tielet** u **r-raba' aggravji** jirrigwardaw ukoll apprezzament tal-provi prodotti. Dwar ix-xhur ta' Jannar u Frar 2005 fil-fatt l-appellant jammetti li ma hallasx manteniment lil martu izda dan kien ghax uliedu kienu qed jghixu mieghu u mhux maghha u, skond l-appellant, intlahaq ftehim quddiem il-medjatur Carmen Delicata li ma jhallasx manteniment ghax-xhur ta' Marzu u April 2005. Kwantu ghal Dicembru 2004 jghid li huwa ssoministra manteniment izda ta' dan martu qatt ma tatu rcevuta.

Issa, stante li l-ftehim bejn il-partijiet intlahaq fit-30 ta' Settembru 2004, ifisser li kull pagament ikun dovut fit-30 ta' kull xahar. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, u wara li ezaminat mill-gdid ix-xiehda ta' l-appellant u ta' martu, jidher li l-perijodu li dwaru Katia Camilleri tghid li l-manteniment ghat-tfal ghadu dovut huwa ghall-iskadenzi tat-30 ta' Dicembru 2004, tat-30 ta' Jannar 2005, tat-28 ta' Frar 2005 u tat-30 ta' Marzu 2005, erba' xhur b'kollox. Fil-ftehim li ntlahaq fl-24 ta' Frar 2005 quddiem il-medjatur Carmen Delicata (a fol. 2 tal-process) m'hemm l-ebda ezenzjoni mir-responsabbilta` ta' l-appellant li jhallas il-pagamenti dovuti, anzi permezz ta' l-imsemmi ftehim l-appellant ghal darb'ohra obbliga ruhu li jhallas lil martu Lm80 fix-xahar ghat-tfal.

Inoltre, ir-reat kontemplat fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9 huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u mhux reat kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta`. U, bhal fil-kaz ta' ordnijiet tal-Qorti, kuntratt irid jigi osservat skrupolozament u minghajr tfettiq. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat bic-cirkostanzi relattivi mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-Qorti biex jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament ta' dak il-ftehim li jkun intlahaq biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni.

Fil-kaz in ezami, kif diga` gie osservat, bil-ftehim ta' l-24 ta' Frar 2005 ma kien hemm l-ebda kambjament fil-pozizzjoni stabbilita fit-30 ta' Settembru 2004, almenu in kwantu jirrigwarda l-hlas tal-manteniment.

Ghalhekk it-tielet u r-raba' aggravji huma michuda wkoll.

Kwantu ghall-**hames** u **s-sitt aggravji**, huwa bizzejjed li din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Chircop** moghtija fit-3 ta' Novembru 2005:

**"mhux il-kaz li f'kazijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment li tigi applikata din is-sanzjoni ghax hawn non si tratta ta' *'dizordni'* jew *'inkonvenjent' ut sic*.**

**Inoltre, anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tarax li wara li jkun hemm digriet jew sentenza ta' manteniment jew kuntratt li jistipula l-hlas ta' manteniment, meta dawn diga` minnhom innifishom jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, li Qorti ohra terga' tordna li jsir l-istess hlas li ma jkunx sar bi ksur tal-ligi jew tal-obbligi kuntrattwali. Dan hu rimedju ghal kollox superfluwu w ineffikaci u mhux indikat f'kawzi bhal dawn u l-Qrati tal-Magistrati m' ghandhomx japplikawh. Is-sanzjoni, f' kaz ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 338 (z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali w ghandha tigi kalibrata skond il-gravita`, ripetizzjoni w cirkostanzi ohra tal-kaz minn wahda ta' piena ta' detenzjoni ghal zmien ta' mhux izjed minn xahrejn skond l-artikoli 7(2) u 12(1) tal-Kap.9 (jew aktar f' kaz ta' reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik ta' canfira jew twiddiba (Art.7(2) tal-Kap.9)."**

Ghalhekk hemm lok li tigi varjata d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti in kwantu applikat l-imsemmi artikolu 377(3) tal-Kap. 9

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu ordnat il-hlas ta' tliet mija u ghoxrin liri Maltin (Lm320) fi zmien tliet xhur ai termini ta' l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------